KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt

2/17

**Minuti tat-tieni laqgħa tas-sbatax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2010, fis-6:15pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |

1.0 Item 1: Talba

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

1.2 Il-laqgħa bdiet fis-7pm minħabba t-tkomplija tal-aħħar laqgħa li saret eżattament qabel.

1.3 Inżammet minuta silenzu b'rispett għat-telfa tal-ex Kunsillier John Zammit li miet ġimgħa ilu.

1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa fakkar lill-Kunsill li kien rċieva email mingħand is-Sur Briffa li kien se jkun indispost għal laqgħa minħabba xogħol li inqalalu fl-aħħar ħinijiet.

2.0 Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti

2.1 Il-minuti tas-26 ta' Jannar 2010 (1/17) ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif koreġuti.

2.1.1 Addenda ma minuta 1.2: 'Imbagħad il-Kunsill qabel li jibgħat biss l-aġenda, il-minuti u l-korrispondenza'.

2.2.2 Addenda ma minuta 3.3: 'meta wieħed iqis li konna nafu biss xhur qabel'.

2.2.3 Addenda mat-tieni sentenza ta' minuta 5.1.3: 'u/jew tar-roundabout ta' Fleur de Lys'.

2.2.4 Minuta 8.2: Wara l-kliem 'Triq il-Parilja' jiżdiedu l-kliem 'u Triq il-Ferrovija', flok il-kelma 'stiednet' titniżżel il-kelma 'fakkret' u flok il-kelma 'informha' jidħlu 'informa lill-Kunsill'.

2.2 Inqraw il-minuti tas-16 ta' Frar 2010 (1/17T) u ġew approvati kif koreġuti.

2.2.1 It-tieni sentenza ta' minuta 3.2 trid tinqara hekk: 'Is-Sur Camilleri ilmenta dwar l-iskrivana Aquilina u qal li għandha tkun aktar dħulija man-nies'.

3.0 Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti

*Mill-minuti tas-26 ta' Jannar 2010*

3.1 Minuta 1.2: Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li kopja tal-agenda u l-minuti jitqiegħdu fil-kaxxa rispettiva ta' kull Kunsillier biex ikun jista jsegwi waqt il-laqgħa.

3.2 Minuta 5.1.3: Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li intilef iċ-ċans peress li l-estensjoni ingħatat għal ġimgħa biss.

3.3 Minuta 5.1.9: Is-Segretarju Eżekuttiv irrifera għal email mingħand Cassar Airconditioners li issa qed jitlobu ħinijiet ġodda fuq it-tabella. Il-Kunsill ma qabilx li jbiddel il-ħinijiet peress li kienu għadhom ma għaddewx sitt xhur mid-deċiżjoni oriġinali.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li F.Zammit tal-ħġieġ ingħatalu permess għal communal un/loading ukoll. Il-Kunsill qabel li jinforma l-ADT bl-eżistenza tal-communal un/loading bay fil-viċinanzi ta' Cassar Airconditioning ħalli fil-każ jew tikber dik eżistenti jew inkella tersaq viċin aktar tal-ħġieġ.

3.4 Minuta 7.3: Is-Sur Camilleri iddikjara li hu ma jħossux marbut milli jikkritika lill-Park Towers Supermarket avolja jirreklama fir-rivista tal-Kunsill.

Is-Sur Sultana staqsa jekk il-Kunsill hux se jiltaqa mar-residenti u ma dawk konċernati. Is-Sindku qalet li issa hemm il-laqgħa annwali.

3.5 Minuta 8.2: Is-Sur Camilleri qal li dan il-każ mhux biss ta' infurzar imma iħoss li l-Kunsill għandu jiggarantixxi aċċess lejn it-taraġ tal-wied billi jinstalla bollards. Is-Sur Anastasi qal li talab lill-uffiċċjal inkarigat biex isaħħaħ l-infurzar fiż-żona. Is-Sindku qalet li din il-meterja ġiet diskussa wkoll fil-laqgħa mas-Supretendent u l-Ispettur. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel japplika l-ADT għal junction box quddiem it-taraġ tal-wied.

Is-Sindku qalet li fil-laqgħa tal-Pulizija intweriet ix-xewqa li titħaddem in-neighbourhood watch u l-Victim Support Group.

Is-Sur Camilleri talab li l-każ tal-Park Towers ikun inkluż fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

4.0 Item 4: Korrispondenza

4.1 Il-Kunsill tratta din il-korrospondenza:

4.1.1 Luca Bellizzi re: Community work. Il-Kunsill qabel li ssirlu intervista mis-Segretarju Eżekuttiv u jagħtih xogħol relatat mal-ħiliet tiegħu.

4.1.2 ADT re: Bankina fi Trejqa tal-Ferrovija. Il-Kunsill qabel li jħalli l-każ pendenti.

4.1.3 ATP re: bus shelters. Il-Kunsill qabel li jitlob post alternattiv f'każ li l-Kunsill ikun irid imexxi l-bus shelter ta' quddiem is-supermarket ta' Triq il-Ferrovija.

5.0 Item 5: Rapporti

5.1 Ir-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv ittieħed bħala moqri. Is-Sindku qalet li s-Segretarju Eżekuttiv kellimha appena ġiet lura mis-safar u talabha tippreżenta rapport bħala tweġiba li qiegħda tpoġġieh fuq il-mejda tal-kamra. (dokument anness).

5.1.1 Is-Sur Sultana qal li l-Kunsill qatt ma ġie infurmat b'dawn il-lezzjonijiet wisq aktar bil-flus li ġew depositati fil-Fond. Qal ukoll li dan inaffar mill-affidabilita' u l-kredibilita' tas-Sindku. Hu staqsa min kien qed jagħlaq il-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill kien jingħalaq mill-għalliem stess.

5.1.2 Is-Sur Sultana talab li jispezzjona d-dokumenti bankarji ippreżentati. Hu qal li teżisti diskrepanza bejn dak li intqal u dak imniżżel fid-dokumenti tal-bank. Dan apparti li ma ġewx ippreżentati l-irċevuti.

5.1.3 Is-Sur Sultana talab li ssir investigazzjoni mill-Awditur Generali. Is-Sindku iddikjarat li ma ssir l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.1.4 Is-Sur Sultana staqsa jekk kienx hemm ħlasijiet oħra li mhux qed jidhru. Staqsa wkoll dwar il-fatt li l-Kunsill kien qabel li jagħti €100 għall-Istrima mill-Fond imma jirriżulta li ingħataw €600 mingħajr l-awtorizzazjoni tal-Kunsill. Aktar minn hekk, hu irrimarka li ċ-ċekk ta' €600 ġie diżonerat meta ippruvawh isarfuh u l-Fond ġie mmultat €25. Dan apparti depositu ta' €100 li ma jirriflettux €80 li semmiet is-Sindku fir-rapport tagħha.

5.1.5 Peress li dehru biss dokumenti tal-bank HSBC, is-Sur Sultana talab informazzjoni dwar kont simili li jeżisti fil-BOV. Anzi talab kopja tal-istatement uffiċċjali taż-żewġ banek. Is-Sindku qalet li kienet ordnathom.

5.1.6 Fuq l-aħħar parti tar-rapport, is-Sinjuri Anastasi u Camilleri ikkumentaw dwar il-fatt li hu l-għalliem ċempel lis-Segretarju Eżekuttiv fejn fost affarijiet oħra qal li din l-istorja ma kienetx se tieqaf hawn.

6.0 <u>Item 6: Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)</u>

6.1 L-iskeda għal *cheque payments* (27 ta' Jannar 2010 sas-16 ta' Frar 2010) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata minbarra cheque 4399 peress li skond il-liġi mhux permess rimborsi aktar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li c-cheque diġa ingħata lis-Sindku aktar kmieni u ssarraf. Il-Kunsill qabel li jkun rifondut. Is-Sindku ma sabet l-ebda oġġezzjoni. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Sur Bugeja.

6.1.1 Il-Kunsill ilmenta għal fatt li qed neħlu l-ispejjeż tal-MEPA u tal-Periti fuq il-masġar meta mhux qed ningħataw fondi speċjali biex inkunu nistgħu nimplimentawhom.

6.1.2 Għar-rigward tal-ħlasijiet relatati mal-attivita ta' Lejl l-Akwidott u l-Fiera tal-Għasel, is-Sindku ippreżentat abbozz tar-rendikonti li iżda qalet li għad trid tiġbor aktar donazzjonijet mingħand sponsors. Hi semmiet li għad trid tiġbor €2000 mingħand Magnet International Ltd u bejn €1800 u €2000 mingħand JB Borg Ltd.

Is-Sur Camilleri iddikjara li hu jaqbel li l-Kunsill joħroġ xi flus għall-attivitajiet iżda fakkar lill-Kunsill li l-attivitajiet għandhom ikunu *self sustained*. Qal ukoll li suppost l-ewwel iridu jidħlu flus mill-isponsors imbagħad issir l-attivita. Is-Sindku qalet li ħadd ma jtik il-flus qabel l-attivita u dawn jitobuk l-ircevuti tal-ispejjeż.

Il-Kunsill qabel li l-kontijiet relatati mal-attivitajiet jitħallsu qabel ma nirċievu d-donazzjonijet bl-iskop li bl-irċevuti jintalbu l-isponsors li fadal. Is-Sinjuri Anastasi u Camilleri ma qablux.

Is-Sur Anastasi żied jgħid li kieku intalbet l-għajnuna tiegħu, hu kien jifranka xi spejjeż tal-kantanti.

6.3 Tqassmet ukoll *schedule of receipts* (13 ta' Jannar 2010 sas-27 ta' Jannar 2010).

7.0 <u>Item 7: Ilmenti</u>

7.1 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti

7.1.1 (214): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order ghal mera biss lil B.Grima & Sons Ltd.
7.1.2 (215): Il-Kunsill qabel li jimplimenta l-marki ta-traffiku wara li jitlesta x-xogħol.
7.1.3 (216): Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-ġardinar.
7.1.4 (217): Il-Kunsill qabel li jinforma lill-Pulizija.
7.1.5 (218): Il-Kunsill innota li t-triq hi imwiegħda li ssir minn Gvern Ċentrali.

7.2 Is-Sur Sultana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li xi residenti qed ipoġġu borġ skart mal-arkata ta' Triq l-Imsida. Kif il-Kunsill kien qed jitkellem fuq l-arkata, qabel li jikteb lill-MEPA dwar il-konservazzjoni tagħha.

7.3 Il-Kunsill qabel li jimla xi ħofor żgħar fi Triq il-Ħarrub fejn it-Topsy permezz tal-ħaddiema.

8.0 <u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

*8.1 Rapport Amministrattiv – Approvazzjoni*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Amministrattiv u ġie unanimament approvat kif ikkoreġut.

*8.2 Urban improvement Fund*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għad m'għandux risposta mingħand il-MEPA peress li bħalissa fil-MEPA għaddejja azzjoni industrijali b'riżultat li mhux qed ikunu imwieġba telefonati u korrispondenza.

9.0 <u>Item 9: Aġġornament</u>

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li aviċinah is-Sur Ġorġ Borg li jieħu ħsieb in-niċċa ta' Triq il-Kanun u staqsieh jekk il-Kunsill jistax jidħol għall-ispiża tal-meter tad-dawl u hu jibqa jħallas il-konsum. Il-Kunsill qabel li jitlob sena kontijiet tad-dawl qabel ma jiddeċiedi.

9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li irċieva kontra proposta mill-Wasteserv minħabba li l-aħħar darba l-Kunsill kien irrifjura li jidħol għal l-*leasing* tal-*bring in sites*. Din id-darba il-proposta kienet għal depositu ta' darba €50 kull bin cioe jiġu €4000. Dawn jingħataw lura wara għaxar snin dejjem jekk ma ssirx ħsara fuq il-bins. Qal ukoll li l-Kunsill jista jirrifjuta din il-proposta u jmur għal *bring in sites* tal-Greenpak li huma mingħajr ħlas. Il-Kunsill qabel li jmur għall-*bring in sites* tal-Greenpak.

9.3 Is-Sindku qalet li l-Papa se jgħaddi minn Triq il-Kbira San Ġużepp nhar il-Ħadd 18 ta' April għal ħabta tad-9:15am. Qalet li hi kellha laqgħa dwar xogħlijiet ta' irranġar u tisbieħ li jridu jsiru fit-triq imsemmija. Għaldaqstant, hi talbet awtorizzazjoni sabiex titfassal stima u napplikaw għall-fondi appena tinħareġ l-iskema. Il-Kunsill qabel.

9.4 Il-Kunsill qabel li japplika l-Enemalta għal bdil ta' tlett arbli tad-dawl imsadda fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

9.5 Is-Sindku qalet li avviċinha is-Sur Joseph Aquilina għax fit-3 u fl-10 ta' Marzu xtaq idawwar grupp ta' nies fi Ġnien Romeo Romano. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

9.6 Il-laqgħa intemmet fl-10pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu 2010 fis-6pm b'aġenda tkun komunikata aktar tard.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 9 ta' Marzu 2010 | Chairperson |